MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Numru 323/2010

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)

vs

Lawrence Cassar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 237590(M), akkuzat:

1. fil-lejl ta' bejn it-30 ta' Marzu 2010 u l-31 ta' Marzu 2010 ghal habta tal-11p.m. u hinijiet wara bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna cioe' lil Joseph Muscat minn Bormla akkuza lil dawn il-persuni quddiem awtorita' kompetenti b'reat fil-waqt li kien jaf li dan il-persuni hu innocenti;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qabad arma cioe' sikkina kontra Joseph Muscat minn Bormla;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Joseph Muscat minn Bormla sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;
4. fl-istess jum, lok u cirkostanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku;
5. fl-istess cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;
6. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Joseph Muscat minn Bormla ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali;
7. kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 moghti lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta nhar it-18 ta' Frar 2010;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Joseph Muscat minn Bormla u tapplika l-provvedimenti tal-Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda li kellha l-prosekuzzjoni;

Semghet fl-ahhar udjenza l-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu hin jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Fil-kawza odjerna l-imputazzjonijiet ghandhom jitpoggew u jigu ezaminati f'perspettiva ta' dak li effettivament gara fl-isfond tal-incident li ta lok ghall-istess imputazzjonijiet. Dan kien fi sfond familjari. Il-kwerelant kien qieghed jopponi li bintu maggjorenni kienet marret tghix mal-imputat f'garaxx f'Bormla. Jirrizulta bhala fatt li kien il-

kwerelant li flimkien ma’ xi membri tal-familja tieghu mar fejn dan il-garaxx u ta bidu ghall-incident meritu din il-kawza. Jidher pero’ li illum sehhet pacifikazzjoni u s-sitwazzjoni giet ghan-normal. Intant, l-Qorti ser tikkonsidra l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat fid-dawl anka tax-xhieda li kellha u resqet il-prosekuzzjoni li wahedha thalli vojt sostanzjali dwar ir-reita’ tal-imputat ghal xi uhud mill-imputazzjonijiet imressqa kontra tieghu. Dan ser jigi rifless fil-piena.

Rat l-Artikolu 101(b), 338(dd), 338(m), 339(b)(d)(e), 17(d) tal-Kap 9 u l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 u fil-waqt li ssib l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, qeghdha tadotta kontra tieghu l-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 u bl-applikazzjoni tieghu qeghdha tilliberah ghal perjodu ta’ sena mill-lum sakemm ma jikkommettiex reat zmien tali sena mill-lum.

Mhux tal-fehma li tadotta ebda provvediment taht l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------